MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Numru. 206/2009

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca u Sp Anthony Portelli)
vs
Michael Aquilina, iben Eugenio, imwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli bejn l-20 ta' Frar, 2009 u it-2 ta' Marzu, 2009 f'diversi nħawi ta' Malta, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
**Fl-20 ta' Frar, 2009 għal ħabta tas-7.00 p.m. ġewwa l-Abrigo Confectionery, fi Triq Paris, Ħaż-Żebbuġ –**
1. ikkometta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-ħin u bil-valur li ma jeċċedix

€2,329.37 li sar għad-dannu ta’ Claudette Bartolo u/jew persuni oħra;

2. bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati arresta zamm jew issekwestra lil Claudette Bartolo kontra l-volonta’ tagħha;

3. fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

**Fit-23 ta’ Frar, 2009 għal ħabta tas-6.45 p.m. ġewwa l-ħanut “Il-Qronfla”, fi Triq il-Kbira, Balzan -**

4. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifkat bil-vjolenza, bil-mezz u biil-ħin u li sar għad-dannu tas-soċjeta’ Lewis Micallef Co. Ltd. u/jew persuni w/jew entitajiet oħra;

5. bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Charles Saliba kontra l-volonta’ tiegħu;

6. fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

**Fl-1 ta’ Marzu, 2009 għal ħabta tal-12.30 p.m. ġewwa l-ħanut “Dolceria Tivoli”, fi Triq Manwel Magri, Ħamrun -**

7. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza fuq persuna li għalqet l-eta’ ta’ sittin sena, bil-mezz u bil-valur, li ma jeċċedix €2,329.37, u li sar għad-dannu ta’ Luigia Mallia u/jew persuni oħra;

8. bla ordni skond il-liġi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Luigia Mallia kontra l-volonta’ tiegħha;

9. fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

**Fit-2 ta’ Marzu, 2009 għal ħabta tas-7.00 p.m. ġewwa l-ħanut “Patisserie”, fi Triq il-Pitkali, Attard -**

10. ikkometta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Patisserie Caterers Ltd. u/jew persuni u/jew entitajiet oħra;
11. bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Natasha Grima kontra l-volonta' tiegħha;
12. fil-waqt li kien qed jagħmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

**Fit-2 ta' Marzu, 2009 u/jew matul dawn l-aħħar xhur, f'dawn il-Gżejjer -**

13. zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond, xi arma tan-nar, jew munizzjon, elenkati fl-Iskeda II tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, mingħajr ma kellu liċenzja taħt l-istess Att.

Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż inkorsi bil-ħatra ta' esperti u/jew periti fl-erba' inkjesti maġisterjali li nzammu dwar ir-reati meritu ta' l-akkużi odjerni skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu, 2009, l-ewwel udjenza ta' din il-kawża, fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat ukoll il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu, 2009 fejn l-avukat ta' l-imputat talab 'pre-sentencing report', liema talba ġiet akkordata.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2009 fejn ġie eżebit il-'pre-sentencing report' u fejn ġew eżebiti r-riċevuti tad-derubati kollha, liema riċevuti jikkonfermaw li l-imputat ħallas lura dak kollu li hu seraq.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Mejju, 2009 fejn l-imputat reġa tenna l-ħtija tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(a)(b)(ċ)(f), 262(1)(a), 263(b), 267, 270, 280(2)(3) u 86 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 5(1) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.  Ikkunsidrat dwar il-piena.  Illi l-imputat ikkolabora mal-pulizija u l-fedina penali hi essenzjalment netta.  Hu ħallas lura dak kollu li seraq u ir-reat kollha ġew f'perjodu ta' debulizza ta' l-imputat meta kien maħkum mill-vizzju tad-droga.  Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija.  Billi l-imputat wera x-xewqa li hu jegħleb il-vizzju tad-droga tirrakomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Corradino li l-imputat jibda programm għar-riabiltazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.  Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah li jħallas is-somma ta' €1,798.66 spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------